# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



Brimba ġdida!
paġ 3

Darba f'mitt... Venus!
paġ 5

Farfett tal-Fejġel

Klabb Ħuttaf

BirdLife

Numru 62

Mejju - Ġunju 2004




# x'għandna?


| | |
|---|---|
| editorjal | 2 |
| aħbarijiet | 3 |
| kompetizzjoni 62 | 3 |
| x'għandna mid-dinja? | 4 |
| min ġie l-mixja | 5 |
| tromba @ | 5 |
| sittsaqajn | 6 |
| gallarija | 6 |
| attività | 7 |
| mill-ħrejjef Griegi | 7 |
| FALKO | 8 |
| għali ambjentali | 9 |
| attività Falko | 9 |
| djarju berdwoċer | 10 |
| sriep maltin | 10 |
| midd idejk | 11 |
| daħħal membru | 11 |




## Ħbieb Ħuttaf...

Dan l-aħħar, waħda tifla qaltli: "Jien la nikber nixtieq insir ambjentalista!"

Weġibtha: "Għalfejn tistenna sa ma tikber?! Sir ambjentalista issa stess?!"

Mela x'inhu ambjentalist?

Ambjentalist mhijiex professjoni! Mhemmx għalfejn tkun kbirt, jew tkun xi professur tan-natura. Xejn minn dan. Kull ma trid biex tikkwalifika huwa li jkollok rispett sħiħ lejn l-annimali, il-pjanti u l-ħabitat tagħhom.

Intom il-membri li qed taqraw il-Ħuttafa diġà xi ftit jew wisq ambjentalisti. Kif? Ħeqq, għax dawk il-Lm2 li ħallastu miżata biex dħaltu membri fil-BirdLife diġà juri li l-ambjent huwa importanti għalikom. Stajtu nfaqtuhom ħelu, ġelati, jew anke tajjartuhom f'essemmessijiet.

Imma flok hekk użajtuhom biex tidħlu f'għaqda li tgħallimkom fuq in-natura. Qed taraw għaliex intom ambjentalisti? U dak diġà pass importanti. Imma dak għadu Level 1!

Tridu titilgħu Level 2? Mela issa dak li titgħallmu żżommuhx għalikom. Ambjentalist veru jkellem lill-ħbieb u jgħallimhom jirrispettaw lin-natura, bħalu. Għalhekk meta intom taraw min jaqta' fjura jew iqaċċat zokk jew jirfes nemla jew jaqbad żrinġ jew jaqta' denb ta' gremxula jew jaħraq siġra jew jaqbad farfett jew jonsob pitirross jew jittanta serp jew jaqbad kamalejonti, ippruvaw waqqfuh bil-kelma t-tajba, u spjegawlu għaliex kien qed jagħmel ħażin. Hemmhekk qed tkunu ambjentalisti veru u kavallieri sodi ta' l-ambjent!

Mela ħallikom milli tistennew. In-natura għandha bżonn il-kavallieri ILLUM!

Victor

**Victor Falzon** editur




Raymond Galea



Il-**farfett tal-fejġel** (swallowtail butterfly) huwa l-ikbar farfett ta' Malta. Dari kien komuni, imma naqas ħafna għax il-pjanti li jiekol ix-xagħat tiegħu ħafna nies iqisuhom "ħaxix ħażin" - u jqaċċtuhom. B'hekk naqsu wkoll ħafna friefet oħrajn.


### kumitat klabb huttaf

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin il-huttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat sakemm mhux għal skopijiet kummerċjali, sakemm jissemma' l-isem **Il-Ħuttafa** u sakemm tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **farfett tal-fejġel** - ritratt ta' Raymond Galea
Stampat: Poulton's Print Shop, Ġunju 2004


**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-tmintax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.**

# Brimba ġdida!


Victor Falzon

Sibna brimba ġdida għal Malta!

Mhijiex xi brimba daqs nitfa, li trid taqla' għajnejk biex taraha, imma brimba kbira u irrigata bl-isfar, iswed u fidda li jgħidulek: Arani u ammirani!

L-interess beda f'Ottubru 2003, meta Charles Gauci sab waħda fir-riserva ta' l-Għadira, imxattba ma' għanqbuta ħdejn vaska żgħira bl-ilma. Mill-ewwel għedna Ojj, din mhix l-Arġjope *(Argiope lobata)* tas-soltu!

Bdejna ninvestigaw... Victor Falzon (l-editur ;-) ħadilha partita ritratti u ħarat il-kotba u l-internet biex jara x'setgħet kienet. L-iktar waħda li sab tixbaħha kienet l-*Argiope trifasciata*, speċi li qatt ma ġiet rekordjata f'Malta.

Sadattant Alex Casha sab koċċ brimb oħrajn mill-istess speċi anke fir-riserva tas-Simar! Anzi dawn kienu qed ibidu...

Hawnhekk daħħalna lill-ħabib tagħna David Dandria, espert tal-brimb. David kompla jagħmel riċerka u bagħat jistaqsi lill-aqwa esperti tal-brimb li hawn fid-dinja. Fl-aħħar waslet il-konferma: iva, kienet tassew l-*Argiope trifasciata* - il-**Brimba Rrigata** (Banded Argiope).

Għadna ma nafux l-ispeċi kollha ta' brimb f'Malta. Għalhekk żommu dejjem għajnejkom miftuħin. U jekk għandkom kamera, użawha!

# KOMPETIZZJONI 62




It-tweġibiet ta' dit-tisliba ssibuhom kollha f'dil-ħarġa stess tal-Ħuttafa. Ħafifa immens, anke l-paġna tajniekom! Ir-rebbieħ nibagħtulu **sett kartolini ta' l-għasafar**. Tqasqsux il-magażin - ibagħtu t-tweġibiet fuq karta jew bl-imejl.

1 **Ġdida għal Malta** (p3)
2 **Lil Fineus kienu jiklulu l-ikel** (p7)
3 **Fejn il-Falko raw astun iswed** (p8)
4 **Qed isebbaħ il-faċċata!** (p1)
5 **Ħadulu r-rix minn rasu** (p4)
6 **Niżlu l-Għadira f'April** (p10)
7 **Qatlet 92,000 ruħ fl-1815!** (p9)

Ċans għandkom sa **31 Lulju 2004**

Ir-rebbieħ ta' Komp 62 huwa JESMAR DALLI mill-Ħamrun. Prosit Jesmar, il-kartolini daqt ikunu għandek.



**Bannerman's Turaco**
għasfur rari

# Rix rari!

Fuq karozza tal-linja fil-Kamerun, mara Niġerjana nqabdet iġġorr 266 pappagall griż ibbalzmat u 597 rix aħmar tal-Bannerman's turaco, għasfur rari ħafna.

Ir-rix tat-turaco jintuża biex jiżżejnu bih xi kapijiet ta' tribujiet fin-Niġerja. Jeżistu diversi speċi ta' turaco, u l-**Bannerman's turaco** huwa speċi li minnhom baqa' biss xi 5000 fid-dinja, u kollha jgħixu fil-foresti tropikali tal-Kamerun. Kull għasfur ikollu biss xi 10 rixiet ħomor f'rasu, jiġifieri biex dik il-mara kellha dak ir-rix kollu, bilfors inqabdu mas-60 jew 70 għasfur!

Dik il-mara tista' teħel sa sena ħabs u multa ta' iktar minn Lm7000. Il-Kamerun huwa wieħed mill-160 pajjiż li ffirmaw is-CITES. Is-CITES huwa ftehim li jikkontrolla l-bejgħ u traffikar ta' annimali rari jew partijiet minnhom. Malta wkoll iffirmatu dal-ftehim.




**F'dawn l-aħħar 40 sena, ir-rinoċeronti suwed naqsu b'98%! Għaliex? Għax fil-Yemen ta' Fuq, l-irġiel iħobbu jagħmlu l-manku tas-skieken mill-qarn ta' dawn l-annimali! X'wiċċ tost! Toqtol annimal bħal dak, biex tagħmel manku ta' sikkina!**



# L-Amażon tkompli tiċkien





Fis-sentejn 2001-2002, il-foresta Amażon tilfet medda ta' **24,600km²** - biċċa foresta daqs Sqallija!

L-Amażon hija l-ikbar ġungla tad-dinja, fejn jgħixu miljuni ta' pjanti, annimali, u anke tribujiet ta' nies. L-esperti jgħidu li l-Amażon hija d-dar ta' 30% ta' l-ispeċi kollha ta' flora u fawna tad-dinja.

Ħafna mill-Amażon qiegħda fil-Brażil. Imma l-gvern Brażiljan flok ma hu kburi bl-Amażon, iktar donnu għandu ġenn biex ifittex jaqtagħha kollha. Għaliex?

Dejjem l-istess raġuni: għall-flus!

Ħafna jaħsbu li l-qerda ta' l-Amażon issir għall-injam. Mhux veru, fil-fatt is-siġar spiss jaħarquhom. Il-qerda tal-foresta qed issir biex jikxfu l-art ħalli fiha jrabbu baqar, u baqar u iktar baqar. Illum hemm 175 miljun baqra fil-Brażil biss! U ngħid jien dal-baqar kollha x'iriduhom?

Biex jagħmluhom ħambergers!





**Dawn kienu l-membri li ġabru flus għall-maratona 2004. Grazzi ħafna, ħbieb!**

| | |
|---|---|
| Rutter Trevor & Stuart | Lm38.00 |
| Cassar Andrea | 35.07 |
| Vincenti Josef | 32.66 |
| Galea Albert Victor | 22.25 |
| Zammit Timothy | 20.50 |
| Rizzo Naomi | 18.15 |
| Gatt Katya | 16.50 |
| Sacco Decelis Cliff | 15.00 |
| Coppini Christianne | 13.20 |
| Bonello Kimberly | 12.07 |
| Gauci Simon | 11.10 |
| Zammit Ryan | 10.05 |
| Camilleri Tristian | 10.00 |
| Cuschieri Alexia | 10.00 |
| Theuma Abigail | 10.00 |
| Parnis John | 7.70 |
| Muscat Azzopardi Maria | 6.10 |
| Camilleri James | 6.00 |
| Gatt Marie Claire | 6.00 |
| Sciculna Silvio | 5.80 |
| Cassar Julie Anne | 5.75 |
| Muscat Nicholas | 5.60 |
| Aquilina Lloyd | 5.00 |
| Borg Claude | 5.00 |
| Farrugia Abigail | 5.00 |
| Pace Lisa | 5.00 |
| ?? Michaela | 5.00 |
| Saliba Paul | 4.15 |
| Borg Jasmine | 4.00 |
| Decelis Kyle | 4.00 |
| Micallef Hailey | 3.20 |
| Giusti Andrea | 3.00 |
| Duca Kristina | 2.30 |
| Camilleri Julian | 2.20 |
| Micallef Christian | 2.10 |
| Saliba Ryan | 2.07 |
| Aloisio Nicole | 2.00 |
| Aquilina Ismael | 2.00 |
| Borg Petra | 2.00 |
| Boxall Elizabeth | 2.00 |
| Gerardi Amy | 2.00 |
| Mangion Ian | 2.00 |
| Mangion Ryan | 2.00 |
| ?? bla isem | 2.00 |
| Farrugia Elizabeth | 1.60 |
| Pollacco Daphne | 1.00 |
| Pollacco Gianluca | 1.00 |
| Vella Daniel | 1.00 |
| Gafà Andrea | 0.50 |
| **TOTAL** | **Lm390.62** |

# tromba@

L-imejl sar popolari immens, u tagħmlu tajjeb titgħallmu tużawh għax għad tiġu bżonnu żgur.

Ħa nibdew nagħmlu servejs ħfief magħkom il-membri biex niġbru tagħrif dwar in-natura li taraw madwarkom. Dawn ħa jkunu mistoqsijiet sempliċi, **imma ħa jkunu BISS għal min jista' jwieġeb bl-imejl**. It-tweġibiet tagħkom niġbruhom, ngħaqqduhom u r-riżultat nibdew nagħtuhulkom f'ħarġa oħra tal-Huttafa. Din mhix kompetizzjoni, imma studju żgħir!

Il-mistoqsija ta' did-darba hija din:

**Għandek għasafar tal-bejt ibejtu bħalissa fil-ventilaturi tad-dar tiegħek?**




Ibgħat għidilna:

1. IVA jew LE.
2. Jekk iva, kemm għandek bejtiet dis-sena?
3. F'liema raħal/belt toqgħod?
4. X'jismek u x'kunjomok?

## IMPORTANTI

Biex tara hemmx bejtiet fil-ventilaturi ara ma jfettillekx TITLA' TITTAWWAL FIHOM! Osserva minn isfel - jekk tara għasafar deħlin u ħerġin ġo ventilatur, jew tisma' tpespis u tħaxwix, probabbli hemm bejta.

Jekk hemm xi ventilaturi li ma tistax tarahom, TMURX TIXXABBAT minn xi tieqa jew minn fuq il-bejt. Ma jimpurtax jekk ma tistax tosserva l-ventilaturi kollha!

Ibgħat it-tweġibiet tiegħek lil **tromba@birdlifemalta.org**



## Eklissi tax-xemx...speċi ta'!

Ir-ritratt fuq ix-xellug ittieħed minn tromba fit-8 Ġunju 2004 f'12.15pm. Ir-ritratt juri x-xemx b'tikka sewda fin-naħa t'isfel. Dik it-tikka, kif forsi tafu, kienet il-pjaneta **Venus** (jew Venere), li dakinhar għaddiet proprju bejn id-dinja tagħna u x-xemx, u għalhekk għal xi 6 sigħat dehret bħal tikka sewda għaddejja minn quddiem ix-xemx. Dal-fenomenu jidher mid-dinja tagħna qisu kull 120 sena. L-aħħar darba kien fis-sena 1882.




## L-għasafar fl-istorja



Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, l-Ingliżi użaw mal-250,000 ħamiema biex iwasslu messaġġi militari minn post għal ieħor. Fost dan il-ħamiem, 32 minnhom anke ngħataw midalja (Dickin Medal), l-ogħla unur li annimal jista' jieħu għall-qlubija! Il-ħamiem kien jintuża biex jevitaw li jibagħtu messaġġi bir-radju, li faċli kienu jinstemgħu mill-Ġermaniżi.



**SITTSAQAJN**
Matthew Borg Cardona

# METAMORFOSI

Waqt li jikbru, l-insetti jgħaddu minn proċess jgħidulu metamorfosi. Hemm 2 tipi ta' metamorfosi: **metamorfosi inkompleta** u **metamorfosi sħiħa**. X'inhi d-differenza?




## Metamorfosi inkompleta

Din fiha 3 fażijiet - **bajda**, **ninfa** u **adult**. Iż-żgħir ikun qisu l-adult però jkun ħafna iżgħar u ma jkollux ġwienaħ. Biex jikber, dan l-insett irid ibiddel il-ġilda. Dan isir billi ġilda ġdida tifforma taħt, waqt li l-ġilda l-qadima tirtab u tinqasam u l-insett joħroġ. Dan il-proċess isir iktar minn darba, u kull darba l-insett jikber ftit u jsir iktar jixbaħ lill-adult. Fl-aħħar tibdila, joħroġ mill-qoxra bil-ġwienaħ iffurmati, u jkun sar adult.

Fost l-insetti li jagħmlu metamorfosi inkompleta hemm il-ġurati u l-mazzarelli. Il-mazzarell jagħmel il-fażijiet kollha tan-ninfa taħt l-ilma, ħlief l-aħħar waħda.




## Metamorfosi sħiħa

Din fiha erba' fażijiet - **bajda**, **xagħat**, **fosdqa** u **adult**. Ix-xagħat ma jkun jixbaħ xejn lill-adult, u lanqas biss ikun qisu insett. Dan jiekol ħafna u jikber malajr. Dan ukoll biex jikber irid ibiddel il-ġilda ħafna drabi, però dejjem jibqa' l-istess forma.

Meta x-xagħat jikber biżżejjed, isib post u jifforma l-fosdqa. Il-fosdqa ma tikolx u ma timxix. Go fiha ssir bidla sħiħa, fejn ix-xagħat jinbidel f'insett adult. Wara xi żmien, il-fosdqa tinqasam u joħroġ l-adult. L-insett ikun għadu artab u l-ġwienaħ imkemmxin, però wara ftit sigħat, il-ġilda tibbies u l-ġwienaħ ikunu nfetħu u stiraw sew. Fost insetti li jagħmlu metamorfosi sħiħa hemm il-friefet, in-naħal u l-ħanfus.

L-adulti jvarjaw ħafna kemm jgħixu. Hemm speċi li jgħixu sagħtejn biss, oħrajn jgħixu sentejn.

gallerija gallerija gallerija

**qanfud**
kyle attard 10





**kuluvert**
charlton agius 13



**kappar**
adrian vella 10



**żrinġ tas-siġar**
daphne anne pollacco 10



**panda** christian xuereb 9



**clown fish** glenn ellul 12

**Ibagħtulna t-tpinġijiet tagħkom!**
Tinsewx isimkom, età u isem l-oġġett

# Imxu nisimgħu ċ-ċief...






Iċ-ċief huwa tajr qisu gawwi li jgħix ħajtu fuq il-baħar. Fir-rebbiegħa jbid f'ħofor fl-irdum u fil-blat, u bil-lejl jidħol jitma' lill-fellus tiegħu. Fid-dlam iċ-ċief jagħrfu lil xulxin billi jgħajtu. Wieħed mill-postijiet f'Malta fejn ibejjet iċ-ċief huwa fl-irdum ħdejn Għar Ħasan. Għalhekk aħna sejrin s'hemm ħalli nisimgħuh. Tiġi?!

Data: **It-Tlieta 6 Lulju 2004**
Niltaqgħu: **7.30pm**
Post: fil-**parking** ħdejn Għar Ħasan
Età: **kulħadd** (ġenituri merħba - membri taħt it-8 snin għandhom ikunu akkumpanjati)



**gamiema**
ryan bonett



**pappagall**
dorianne dalli 11



**bufula**
dylan bellotti 10



**gabdoll sekond**
mark borg 9

## kreaturi mill-ħrejjef Griegi



Sean Caruana Webster

# il-Ħarpini

Il-ħarpini (harpies) kien kreaturi nisa minn sidirhom 'il fuq u għasafar mis-sider 'l isfel. Hemm ħafna verżjonijiet ta' kemm kienu u kif kienu jidhru. Xi rakkonti jgħidu li kienu żewġ tfajliet sbieħ jisimhom Aillo u Okipete, imma ħafna jagħtuhom apparenza kerha, li kienu kreaturi distruttivi immens, maħmuġin ħafna u kienu jniġġsu kullimkien!

L-aktar ħrafa magħrufa dwarhom kien meta kienu jisirqu l-ikel ta' Fineus, poeta agħma. Dawn kienu jistennew l-ikel jisserva, u malli Fineus kien ikun se jibda jiekol, jibdew iwerżqu sakemm jaħtfulu l-ikel minn fuq il-mejda. Darba Fineus iltaqa' ma' Jason* u l-Argonawti, grupp ta' rġiel eroj. Fineus qalilhom bil-problema u l-għada l-Argonawti staħbew qrib sakemm wasal ħin li Fineus jiekol. Malli ħarġu l-ħarpini, l-Argonawti ħarġu jiġġildulhom, imma ma setgħux għax il-ħarpini taru 'l fuq. Għalhekk żewġ Argonawti jisimhom Żete u Kalias, li kienu aħwa bil-ġwienaħ, taru għal warajhom. L-aħwa għamlu patt mal-ħarpini li ma joqtluhomx, biss dawn kellhom jieqfu jisirqu l-ikel ta' Fineus. Il-ħarpini aċċettaw, ħarbu u ma reġgħux resqu 'l hemm iktar.

B'hekk Fineus seta' jiekol fil-kwiet!

Sean Caruana Webster

*Mhux l-istess Jason tal-Kumitat ta' Klabb Ħuttaf!

# FALKO



## Ħbieb Falkuni!

X'nies f'dal-pajjiż ukoll!

Mela dan l-aħħar nisma' wieħed jitkellem ma' qassis. Beda jgħidlu kif dax-xahar dejjem qed jieħu nofs ta' nhar leave, u fuq kemm hu sabiħ tqum kmieni u tmur għall-kaċċa! Imma mid-dehra dakinhar kien maħruq għax għamel xi tliet sigħat u ma għaddielu xejn (ħallih ħa jaħli l-leave). Allura biex qisu jiġbor ġieħu, lill-qassis kompla jgħidlu:

"Imbagħad biex inkun tajt tir, kien hemm tal-bejt u tgħidx kemm tajthom. Ħraqt ċinturin fuqhom. He-he!" Kliemu eżatt dan! U l-qassis sfortunatament daħaqlu.

Ħbieb, jeħtieġ naħdmu ħa nqaċċtu dis-sitwazzjoni patetika minn Malta. Komplu edukaw lil sħabkom l-iskola u aħdmu magħna daqs qatt qabel. Ejjew l-attivitajiet ħa titgħallmu intom ukoll.

Ara ma taqtgħux qalbkom għal mument. Hawn xjuħ fostna ilhom iktar minn 40 sena jitħabtu, u llum dawn jaraw bidla kbira fil-mod kif jaħsbuha ħafna nies. Jien ili 10 snin naħdem għall-BirdLife, u tibdil ftit għadni rajt. Imma ċert li sa 30 sena oħra l-affarijiet ikunu nbidlu sew - BASTA nibqa' nitħabat! Tgħid intom tkunu għadkom titħabtu magħna dak iż-żmien?!

Saħħiet

Justin



**Justin Vassallo**
Ko-ordinatur Falko

## *najt ħajk 2-3 april 04 rapport*


spanjulett

Dan in-najt ħajk ħadna lejn in-nofsinhar ta' Malta. Iltqajna s-Saqqajja u wara li xtrajna xi ħaġa ħa jkollna x'innaqqru mat-triq, bdejna mexjin fil-kampanja u mal-kosta tal-punent ta' Malta. Domna mexjin mhux ħażin sakemm fl-aħħar wasalna ħdejn Ħaġar Qim. Ikkampjajna ħdejn it-torri li hemm fil-qrib, u rqadna għax kulħadd kien għajjien wara mixja bħal dik. Filgħodu qomna bl-għana ta' l-għasafar :-)u t-tiri tal-kaċċaturi :-( Intfajna bilqiegħda bit-trombi f-idejna biex nagħmlu ftit berdwoċing u rajna diversi għasafar fosthom **ħuttaf, runduni** u għasafar żgħar bħal **buċaqq tax-xitwa** u **bufula sewda**. Rajna wkoll xi **gawwi prim** jittajjar fuq il-baħar, diversi **kud** inaqqi qalb il-ħaxix tax-xagħri, u **daqquqa tat-toppu**. Din raha wkoll kaċċatur, li xejn ma mpurtah li hija tajra protetta, għax taha ħames tiri, imma li fortunatament ma laqathiex.

Wara l-berdwoċing tlaqna lejn iż-Żurrieq. Fit-triq għaddejna minn ħdejn Wied Babu, fejn waqafna nammiraw **spanjulett** li nqala' minn taħtna u għamel xi ħin itir viċin tagħna.Miż-Żurrieq qbadna tal-linja.

André Callus

## *lejl fuq kemmuna 1-2 mejju 2004 rapport*

Najt ħajk b'differenza - najt ħajk fuq Kemmuna!

X'ħin wasalna Kemmuna, imxejna lejn ir-ringing station tal-BirdLife f'Wied l-Aħmar, biex intellgħu t-tined qabel nibdew mexjin. Hawnhekk rajna xena impressjonanti ta' **astun iswed** jittajjar fil-baxx fuq ix-xagħra, xena li bil-kaċċa li ssir Malta u Għawdex ma tarahiex malajr.

Wasalna r-ringing station, ikkampjajna u tkellimna mar-ringers sakemm dalam, imbagħad bdejna l-mixja tagħna madwar din il-gżira. Bejn li Kemmuna mhix kbira u bejn biż-żiffa li kien hemm, ma tantx għajjejna u wara raqda qomna kmieni naraw lir-ringers jirringjaw.


"Rajna astun iswed..."

Fost l-għasafar li rajniehom jirringjaw kien hemm diversi għasafar żgħar jgħidulhom **bekkafiki**, kif ukoll **kaċċamendula** u anke **malvizz**. Sadattant għamilna wkoll daqsxejn berdwoċing tal-ġenn, fejn minbarra qtajja' ta' **ħuttaf**, **ħawwief** u **rundun** erġajna rajna l-**astun iswed** tal-ġurnata ta' qabel jissaqqar fit-thermals (arja sħuna tielgħa mill-art), flimkien ma' **kuċċarda**.


fuq il-lanċa ta' Kemmuna

André Callus

... aħbar diehla issa ...fl-Indonesja ... il-muntanja Awu ... sinjali li se tiżbroffa ... il-gvern jevakwa 10,000 ruħ ...



# vulkan

elisabeth conrad

Vulkan jifforma meta blat maħlul (magma) jiżbroffa fuq wiċċ id-dinja. Fiċ-ċentru tal-pjaneta hemm temperatura għolja ħafna (xi 6000°C - daqs wiċċ ix-xemx!). Il-magma jitla' fil-wiċċ minn ġo xquq fil-qoxra tad-dinja. Meta jiżbroffa vulkan toħroġ mhux biss il-magna (jew lava), imma wkoll trab, irmied, gassijiet u materjal ieħor.

## ħażin

Fl-istorja tal-bniedem, il-vulkani spiss ħolqu diżastri kbar. Meta żbroffat il-muntajna Tambora fl-Indonesja fl-1815, mietu 92,000 ruħ! Iktar viċin tagħna nsibu l-Vesuvio (ħdejn Napoli fl-Italja), li kines il-bliet Pompeii u Herculaneum fi żmien ir-Rumani. Mhijiex biss il-lava li hi perikoluża, imma anke s-sħab ta' gass u rmied li joħorġu minn vulkan. Dan is-sħab (pyroclastic cloud) ikollu temperatura għolja biżżejjed biex joqtol nies u annimali li jinbelgħu minnu. Huwa perikoluż ukoll għax jimxi b'ħeffa kbira, anke sa 100km fis-siegħa!

Il-vulkani jistgħu jkollhom ukoll effetti fuq il-klima. Dan għaliex it-trabijiet u l-gassijiet li joħorġu jistgħu jirriflettu r-raġġi tax-xemx u jwaqqgħu t-temperatura tad-dinja. Fil-fatt, wara l-iżbroff ta' Tambora tal-1815 kienet għamlet il-borra fis-sajf anke fl-Amerka ta' Fuq!

## tajjeb

Il-vulkani għandhom ukoll it-tajjeb tagħhom! Il-ħamrija li tifforma madwar il-vulkani hija fertili immens, u l-madwar ta' ħafna vulkani għalhekk jintuża għall-biedja. F'xi postijiet bħal Lanzarote, in-nies jużaw il-blat tal-vulkan għall-bini, u f'xi postijiet, bħal Iceland, is-sħana tal-vulkani tintuża biex jipproduċu l-elettrika. Meta jkun hemm l-ilma maħżun fil-blat fejn It-temperatura tkun għolja ħafna, jiġri li l-ima jisħon waħdu, isir fwar u jifforma l-giżers. Il-bniedem tgħallem kif jikkontrolla dan il-fwar u jġiegħlu jħaddem il-pawer stejxins!

## tbassir

Dari kien diffiċli tbassar meta u fejn kien se jiżbroffa vulkan, imma bl-użu ta' satelliti u teknoloġiji ġodda, ix-xjenzati llum għandhom mezzi ħafna aħjar biex jindunaw meta l-attività ta' vulkan tkun qed iżżid. Bis-saħħa t'hekk qed jiġu evitati ħafna mwiet.

Minkejja dan, il-vulkani jibqgħu jfakkruna li l-forzi tan-natura huma barra mill-kontroll tal-bniedem; aħna nistgħu biss nippruvaw nifhmuhom, u forsi nilqgħulhom xi ftit!

---

## Dawra bil-lanċa




Ħa mmorru dawra bil-lanċa miċ-Ċirkewwa sa taħt l-irdum ta' Ta' Ċenċ. Niġu lura fid-dlam.

Data **14 Lulju 2004 pm**
Għal aktar dettalji ċemplu lil Justin (mob 79440104)
Età: **Falko (13+)**

## Bil-lejl għaċ-ċief

Ħa niltaqgħu s-Sibt, naqsmu għal Għawdex, u nimxu sa Ta' Ċenċ fejn filgħaxija jidħol iċ-ċief lejn il-bejtiet. Norqdu barra, u ninżlu lura Malta 'l għada l-Ħadd.

Data **17-18 Lulju 2004**
Niltaqgħu **3pm** Bieb il-Belt, jew **4pm** iċ-Ċirkewwa jew **5pm** l-Imġarr (Għawdex)
Ġibu: basket tad-daħar, sanblokk, beritta, ilma, ikel, sleeping bag (jew kutra) u flus għall-vapur. Min ġej iċempel lill-BirdLife (21347646) jew lil Justin (mob 79440104)
Età: **Falko (13+)**

## Xogħol u xalar!



Ħa mmorru nagħtu daqqa t'id fil-proġett Foresta 2000, imbagħad nagħmlu barbikju f'xatt il-baħar.

Data **20 Awwissu 2004**
Niltaqgħu **5pm** Bieb il-Belt jew **6.15pm** l-Għadira ħdejn ir-rixtellu tar-riserva
Età: **Falko (13+)**.

# mid-djarju tal-berdwoċer

Jason Aloisio

## marzu

Marzu huwa xahar li kull berdwoċer jistenna. Kellna passa qawwija ta' borok mit-8-12 tax-xahar, b'aktar minn 8000 borka, l-aktar **silfjuni**, **palettuni** u **sarsell aħmar** u passa iżgħar (l-aktar sarsell aħmar) fl-aħħar ġimgħa. Tlett **imragen** damu iktar minn gimgħa fuq Kemmuna, filwaqt li ċ-**ċief** u l-**garni** kompla jiżdied fuq il-baħar. Beda wkoll it-tajr tal-priża, b'ħafna **bgħadan ħomor** u **spanjuletti**, li dehru f'numri kbar fit-30 tax-xahar. Il-**bagħdan abjad** u l-**astun iswed** dehru f'numri akbar mis-soltu. B'xorti tajba l-għasafar ta' l-għana bilkemm inħassu u għalhekk ħafna ħelsuha mix-xbieki tan-nassaba! Dehret ukoll aktar mis-soltu r-**reġina tal-ħuttaf**, waqt li rsieset u agretti dehru f'numri żgħar. L-Għadira baqgħu xi **blonġuni żgħar** u **blonġuni sekondi**, imbiddlin u lesti għall-bejta, u żdiedu l-għasafar tal-plajja u tfaċċa l-ewwel **monakell**. Fis-Simar niżlu 2 **brajmliet ħomor** u damu xi jiem hemm. Barra l-għasafar komuni tal-passa, bħall-**isfar** u l-**vjolin ħadrani**, kellna wkoll għasafar rari bhall-**kuda ramlija**, **vjolin bajdani**, **pispisella bajda** u anke xi ftit **gamiem tal-kullar**. Kellna wkoll passa żgħira ta' **durrajs**, **daqquq tat-toppu** u **rożinjoli**.

## april

F'April il-passa tkun fl-aqwa tagħha u impossibli nsemmi kollox. Xi ġranet dehru qtajjiet kbar ta' **qerd in-naħal** u magħhom numri iżgħar ta' **tajr isfar** u **daqquq tat-toppu**. Waslu wkoll ħafna **buċaqq tas-silla**, **żanżarelli suwed** u warajhom **żanżarelli tal-kullar**. Dawn ta' l-aħħar, flimkien mal-**vjolin safrani**, spikkaw ferm fid-19 tax-xahar. Fuq Kemmuna rringjaw numru sabiħ ta' **kaċċamendul** u **kokk**. It-23 tax-xahar ġab ħafna **gamiem**, **kwakk**, **irsieset griżi** eċċ.

Fis-Simar wasal il-**buful tas-simar**, u anke l-ewwel **buful tal-qasab** lest biex ibejjet. Qatgħa qerd in-naħal damet diversi ġranet fir-riserva. L-Għadira niżlu għadd ta' **agretti bojod** u 16-il **russett aħmar** trid seba' għajnejn biex tarahom. Fis-Salini, berdwoċer ixxurtjat ra **arpa** togħdos għall-ħut! Il-**bagħdan aħmar** kompla jidher kważi kuljum, darba minnhom f'qatgħa ta' 120. Biss il-kbir kien għadu ġej: fis-26 tax-xahar tant daħal **kuċċard** li lanqas jagħtuk ċans tgħoddu. Kien hemm min ra 'l fuq minn 1000 waħda f'sagħtejn!



gamiema

# SRIEP maltin



F'Malta għandna erba' speċi ta' sriep. Dawn huma

1. is-**serp iswed** *black* (jew *western*) *whip snake*
2. is-**serp aħdar** *algerian whip snake*
3. il-**lifgħa** *leopard snake*
4. it-**teleskopu** *cat snake*

Is-sriep jaqbdu l-priża tagħhom b'żewġ metodi: jew jitkebbu mal-vittma u jagħsruha sa ma tifga, jew inkella jigdmuha u jivvelenawha.

B'xorti tajba għalina l-Maltin, is-sriep li jgħixu Malta mhumiex kbar biżżejjed biex jitkebbu magħna u jifgawna! L-itwal li jikber huwa s-serp iswed, li kultant ileħħaq 150ċm. Barra minn hekk, ġismu ma jiħxienx iktar minn pajp tat-tisqija. Sriep bħal anakondi, pituni u boas ma narawx fil-kampanja Maltija. **Għalhekk serrħu raskom!**




Dan huwa ferħ ta' **serp iswed**, li kien qiegħed imkebbeb ma' fergħa tax-xorbett, jixxemmex u jistenna xi ġurat. Il-ferħ ma jkunx iswed, imma griż ħadrani.

B'xortina wkoll li s-sriep Maltin mhumiex velenużi. Biex inkun eżatt, it-teleskopu *għandu* tikka velenu fuq wara ta' ħalqu, imma dal-velenu huwa fjakk ħafna, u kapaċi joqtol biss annimali żgħar bħal gremxul. Lilna l-bnedmin ma jaffettwana xejn. Barra minn hekk, sriep bħal kobra, rattlesnakes eċċ fil-kampanja Maltija m'għandniex. **Għalhekk serrħu raskom!**

Mela jekk f'xi jum sajfi tkunu b'xortikom tajba li taraw serp jixxemmex fuq xi ċint, neħħu l-ħafna ħmerijiet li daħħlulkom f'moħħkom, u flok toqogħdu titwerwru mill-babaw osservaw bil-kwiet dawn il-mirakli tan-natura! U jekk ikollkom biċċa kamera araw jirnexxilkomx tiħdulu ritratt. Imma ersqulu bil-mod ħafna, għax jekk jinduna bikom jisparixxi!

Victor Falzon

middi ejk

# Brimb u friefet!





**Għandek bżonn**
kartuna tal-bajd • feltpens • imqass • pipe cleaners • (jekk trid) par għajnejn jiċċaqalqu

**Kif tagħmel**
1 Mill-kartuna tal-bajd, aqta' madwar il-post ta' bajda waħda. Aqlibha rasha 'l isfel.
2 B'imqass taqqab 8 toqbiet żgħar (4 fuq kull naħa) fil-parti l-wiesgħa.
3 Daħħal pipe cleaner f'kull waħda mit-toqob biex tagħmel is-saqajn.
4 Pinġi wiċċ u żejjen kif tixtieq.
5 Pinġi żewġ għajnejn jew (jekk għandek) waħħal par li jkollhom il-ħabba tiċċaqlaq.

**Għandek bżonn**
kartuna tal-bajd • feltpens • imqass • (jekk trid) par għajnejn jiċċaqalqu

**Kif tagħmel**
1 Mill-kartuna tal-bajd, aqta' madwar il-post ta' 3 bajdiet. Aqlibhom wiċċhom 'l isfel.
2 Minn tat-truf, aqta' biċċa minn kull waħda biex jiġu qishom ġwienaħ ta' farfett il-lejl.
3 Żid l-għajnejn u l-ħajq u jekk trid tista' tiżbogħ il-farfett il-lejl tiegħek iswed.
4 Agħmel toqba fir-ras.
5 Dendel minn spaga jew lasktuwwa.

Janet Gerardi

żur il-websajt tagħna... **www.birdlifemalta.org**

## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**
- **punti fil-Ħuttafa tas-Sena**



Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fil-Klabb...
Tihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.

| Dettalji tal-membru l-ġdid | |
|---|---|
| | Isem |
| | Indirizz |
| | postcode |
| | Data tat-twelid — Telefon |

| Dettalji tiegħek stess | |
|---|---|
| | Isem |
| | Indirizz |
| | postcode |
| | Membership number — Telefon |

Ibgħat kollox lil BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 29 bolla tas-7ċ
Tista' tissieħeb onlajn mill-websajt tal-BirdLife fuq **www.birdlifemalta.org** u tikklikkja JOIN NOW

**Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!**

# Ribena

# SPOT THE DIFFERENCE COMPETITION

## There are 6 differences for you to find!






## FUN PACKED FOR THIRSTY KIDS ON THE GO

Ready to drink RIBENA that's bursting with Vitamin C goodness
No artificial Colour, Flavour or Sweetener

Xarba tajba u sustanzjuża b'togħma tal-blackcurrant hi r-RIBENA. Minħabba li l-ġisem ma jipproduċix Vitamina C, għandna bżonn insibu sorsi differenti ta' din il-vitamina, li hi tant bżonjuża għalina lkoll.



ISEM: ______________________

INDIRIZZ: ______________________

______________________

**Ribena fiha tlett darbiet aktar Vitamina C mil-larinġ!**

Immarka d-differenzi u ibgħat il-paġna lil-Kompetizzjoni Ribena, Simonds Farsons Cisk plc. Notabile Road, Mriehel BKR 01